IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2014
COM(2014) 120 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**Tweġibiet tal-Istati Membri għar-Rapport Annwali tal-2012 tal-Qorti tal-Awdituri**

{SWD(2014) 60 final}

MT

MT

## WERREJ

Tweġibiet tal-Istati Membri għar-Rapport Annwali tal-2012 tal-Qorti tal-Awdituri....... 3

Sommarju Eżekuttiv ....... 3

Tweġibiet tal-Istati Membri għar-Rapport Annwali tal-2012 tal-Qorti tal-Awdituri....... 5

1. AMBITU TAR-RAPPORT ....... 5

2 KARATTERISTIĊI EWLENIN TAR-RAPPORT TAL-QEA GĦALL-2012 ....... 5

3 SOMMARJU TAT-TWEĠIBIET TAL-ISTATI MEMBRI ....... 7

3.1 Riżultati tal-prestazzjoni mill-baġit tal-UE ....... 7

3.2 Żbalji tal-Eliġibbiltà u l-Preċiżjoni....... 9

3.3 IT-TITJIB TAL-KONTROLLI U S-SISTEMI ....... 11

4. Konklużjoni....... 15

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## TWEĠIBIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2012 TAL-QORTI TAL-AWDITURI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport huwa analiżi tat-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rapport annwali lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) għas-sena baġitarja 2012 u jissodisfa l-obbligi definit fl-Artikolu 162 (5) tar-Regolament Finanzjarju.

Ir-riżultati tal-verifika tal-Qorti wrew li għall-2012 il-kontijiet konsolidati ppreżentaw il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni b'mod ġust u kienu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Madankollu, fir-rigward tal-pagamenti żburżjati li saru l-konklużjoni tal-Qorti kienet li dawn kienu affettwati materjalment mill-iżbalji u s-sistemi ta' kontroll relatati eżaminati kienu parzjalment effettivi għal kull infiq minbarra n-nefqa amministrattiva, li kienet mingħajr iżbalji. Għall-baġit kollu kemm hu, ir-rata ta' żbalji l-iktar probabbli kienet żdiedet minn 3,9 % fl-2011 għal 4,8 % fl-2012. Il-Qorti identifikat żbalji ta' eliġibbiltà li ammontaw għal proporzjon sinifikanti tar-rata ġenerali ta' żbalji stmata. Fl-aħħar nett, il-Qorti enfasizzat li n-nefqa tal-ġestjoni konġunta, li tirrappreżenta 80% tan-nefqa tal-UE, ikkontribiwixxiet b'mod sinifikanti għar-rati ta' żball globali u stmati u li ħafna mill-iżbalji misjuba setgħu ġew misjuba minn kontrolli ewlenin aħjar fil-livell tal-Istati Membri.

Dan ir-rapport janalizza t-tweġibiet tal-Istati Membri taħt tliet intestaturi tematiċi ewlenin – (1) Il-Prestazzjoni – Il-Kisba ta' Riżultati mill-baġit tal-UE (2) L-Eliġġibiltà u l-żbalji tal-preċiżjoni u (3) It-Titjib fil-kontrolli u s-sistemi.

Fir-rigward tal-prestazzjoni, il-Qorti tikkritika l-qafas eżistenti tal-kejl tal-prestazzjoni u r-rappurtar. L-Istati Membri kienu għalhekk mitluba jwieġbu l-mistoqsijiet fuq il-kejl tal-prestazzjoni, il-valutazzjoni u r-rapurtar għall-programmi ko-finanzjati. Tlieta w għoxrin Stat Membru indikaw li huma jużaw objettivi SMART u indikaturi RACER; l-Istati Membri spjegaw fid-dettall ukoll diversi aspetti tal-proċessi li jkejlu l-prestazzjoni nazzjonali tagħhom. Jekk il-viżjoni pożittiva li għandhom l-Istati Membri hija kkonfermata, hija tippermetti lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kejl tal-prestazzjoni globali tagħha u r-rappurtar fuq il-bażi tad-dejta tal-Istati Membri.

Fil-qasam tal-pagamenti żburżjati, il-Qorti identifikat żbalji ta' eliġibbiltà rikorrenti b'impatt finanzjarju dwar VAT ineliġibbli fil-klejms tal-ispejjeż. Fil-qasam tal-agrikoltura indikat ukoll li kien hemm nuqqasijiet sinifikanti relatati ma' tliet sistemi ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti tal-Art (LPIS) vverifikati li jirriżultaw f'żbalji ta' eliġibbiltà u ta' preċiżjoni. L-Istati Membri kollha kkonċernati indikaw li kienu għamlu sforzi biex jirranġaw l-iżbalji tal-VAT u jaġġornaw u jtejjbu l-bażijiet tad-dejta LPIS. Il-Qorti enfasizzat l-impatt pożittiv ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati (SCOs) fil-qasam tal-Impjiegi u l-Koeżjoni u l-opinjoni tagħha kienet kondiviża mill-maġġoranza tal-Istati Membri. Dan huwa importanti ħafna minħabba li l-użu tal-iSCOs jista' jkun element ewlieni fil-prevenzjoni ta' żbalji fi programmi taħt l-QFP l-ġdid.

F'ġestjoni kondiviża l-Kummissjoni tapplika l-kunċett ta' verifika unika kull meta jkun possibbli, li jfisser li tista' sserraħ fuq verifika u kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, jekk jiġu ppruvati li huma affidabbli u jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll huma effettivi għal kollox. Fir-rapport tagħha, il-Qorti għamlet referenza għar-riskju li jiġri spiss ta' informazzjoni mhux affidabbli pprovduta mill-awtoritajiet tal-verifika (AAs). Għaxar Stati Membri wieġbu li ma kellhom l-ebda pjanijiet għal titjib minħabba li qiesu l-AAs tagħhom bħala affidabbli. L-Istati Membri kollha esprimew sodisfazzjon ġenerali bil-gwida dwar it-trattament tal-iżbalji pprovduta u s-seminars organizzati mill-Kummissjoni fl-2012 u 2013. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikaw li huma kienu lesti li jistabbilixxu miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi. Għalkemm il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-vantaġġi tal-kunċett ta' verifika unika, trid tiżgura l-affidabilità tad-dejta rrappurtata mill-Istati Membri u għalhekk twettaq analiżijiet u verifiki tas-sistemi tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u l-korpi nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE.

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## TWEĠIBIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2012 TAL-QORTI TAL-AWDITURI

### 1. Ambitu tar-Rapport

L-Artikolu 162.5 tar-Regolament Finanzjarju jgħid li malli l-Qorti tkun ittrasmettiet ir-rapport annwali tagħha, il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri kkonċernati immedjatament bid-dettalji ta' dak ir-rapport li jkunu jirrigwardjaw l-amministrazzjoni tal-fondi li għalihom huma responsabbli. L-Istati Membri għandhom iwieġbu lill-Kummissjoni fi żmien sittin ġurnata u l-Kummissjoni mbagħad tittrażmetti sommarju tat-tweġibiet lill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qabel it-28 ta' Frar tas-sena ta' wara.

Wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Qorti għas-sena baġitarja 2012, il-Kummissjoni informat kif meħtieġ lill-Istati Membri bid-dettalji tar-rapport. Din l-informazzjoni kienet ippreżentata fil-forma ta' ittra u tliet annessi biex timtela minn kull Stat Membru. L-Anness I kien kwestjonarju dwar il-paragrafi fir-rapport li jirreferu għall-Istati Membri individwali; L-Anness II kien kwestjonarju dwar is-sejbiet tal-verifika li jirreferu għal kull Stat Membru u l-Anness III kien kwestjonarju dwar sejbiet ġenerali relatati mal-ġestjoni maqsuma għad-DAS 2012.

Dan ir-rapport huwa analiżi tat-tweġibiet tal-Istati Membri taħt tliet intestaturi ewlenin tematiċi – (1) Prestazzjoni – Il-kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE (2) Eliġibbiltà u żbalji tal-preċiżjoni (3) Intejbu l-kontrolli u s-sistemi, u huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) li jinkludi t-tweġibiet tal-Istati Membri għall-Annessi I u III.

### 2 Karatteristiċi ewlenin tar-rapport tal-QEA għall-2012

Ir-riżultati tal-verifika tal-Qorti wrew li għall-2012 il-kontijiet konsolidati ppreżentaw il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni b'mod ġust u kienu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Impenji fl-oqsma ta' nfiq kollha wkoll kienu mingħajr żbalji materjali. Madankollu, għall-pagamenti żburżjati l-konklużjoni tal-Qorti kienet li dawn kienu affettwati materjalment minn żbalji u s-sistemi ta' kontroll relatati eżaminati kienu parzjalment effettivi. Il-Qorti kkonkludiet ukoll li għall-2012 kien hemm żieda fir-rata ta' żbalji l-aktar probabbli għall-oqsma kollha ta' politika. Konsegwentement għall-baġit kollu kemm hu, ir-rata żdiedet ukoll minn 3,9 % fl-2011 għal 4,8 % fl-2012. L-iktar oqsma ta' nfiq suxxettibbli għall-iżbalji kienu l-iżvilupp rurali, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa (Kapitolu 4) 7,9 % u l-politika reġjonali, l-enerġija u t-trasport (Kapitolu 5) 6,8 %.

F'termini tat-tipi ta' żbalji li identifikat il-Qorti fl-2012, l-żbalji ta' eliġibbiltà kienu jammontaw għal proporzjon sinifikanti tar-rata ġenerali stmata ta' żbalji, segwit

minn żbalji ta' akkwist. Il-grafika ta' hawn taħt telenka l-kontribuzzjoni ta' kull tip ta' żball għar-rata ta' żbalji ġenerali.[1]

**Tabella 1.2 - Kontribuzzjoni għar-rata ta' żbalji globali skont it-tip ta' żball**




Il-Qorti enfasizzat ukoll il-fatt li b'mod ġenerali, huwa stmat li n-nefqa tal-ġestjoni kondiviża kkontribwixxiet b'mod sinifikanti għar-rati ta' żbalji globali stmati. (ara l-Graff 1.3 taħt).[2]

**Tabella 1.3 - Kontribuzzjoni għar-rata ta' żbalji globali skont il-Kapitolu**




Fl-aħħar nett, il-Qorti nnutat li għal proporzjon kbir ta' tranżazzjonijiet affettwati minn żbalji fil-ġestjoni kondiviża, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli biex isibu u jevitaw dawk l-iżbalji.[3]

---

[1] QEA RA 2012 1.17
[2] L-Anness A ta' dan ir-rapport
[3] QEA RA 2012- 5.27, 6.12

## 3 Sommarju tat-tweġibiet tal-Istati Membri

### 3.1 RIŻULTATI TAL-PRESTAZZJONI MILL-BAĠIT TAL-UE

Mill-2010 'l hawn, il-Qorti qiegħda tirrapporta speċifikament fuq kwistjonijiet ta' prestazzjoni. Fir-rapport tagħha tal-2012, il-Qorti enfasizzat xi temi ewlenin li jirriżultaw u l-lezzjonijiet li jistgħu jittieħdu mir-rapporti speċjali tagħha tal-2012. Skont il-Qorti "*il-prestazzjoni hija vvalutata abbażi tal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba (l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja)"*. Il-kejl huwa importanti ħafna matul il-proċess ta' intervent pubbliku, li jkopri d-dħul, il-ħruġ, ir-riżultati u l-impatti.[4] Madanakollu, il-Qorti indikat ukoll illi "*għal ħafna oqsma tal-baġit tal-UE l-qafas leġiżlattiv huwa kumpless u hemm nuqqas ta' fokus fuq il-prestazzjoni.*"[5]

Fir-rigward tar-riżultati tal-awditjar tal-prestazzjoni l-Qorti ddikjarat fir-rapport tagħha illi "*hija ffukat fuq tliet temi li huma importanti għall-kisba tar-riżultati u l-impatti mixtieqa tal-ġenerazzjoni ta' programmi ta' nfiq li jmiss.*"[6] Il-Qorti ffukat l-ewwelnett fuq l-objettivi SMART u indikaturi adattati għall-programmi, it-tieni, fuq dejta affidabbli u fil-ħin dwar il-prestazzjoni tal-programmi u fl-aħħar, fuq is-sostennibbiltà tal-proġetti b'fondi tal-UE.

L-istess kwistjonijiet huma koperti wkoll fir-rapporti speċjali tal-Qorti. Pereżempju fir-rapport speċjali tagħha dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi l-Qorti " *"kkonkludiet li għalkemm il-Kummissjoni pprovdiet gwida estensiva dwar indikaturi, erbgħa minn ħames Stati Membri wrew nuqqasijiet sinifikanti fl-istabbiliment fl-istabbiliment ta' sistemi xierqa ta' ġbir tal-IT u/jew fir-rappurtar dwar l-ilħuq tal-miri. Konsegwentement, l-abbiltà tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni li jimmonitorjaw u jmexxu l-programmi ġiet imfixkla.*"[7]

Fil-kwestjonarju (Anness III) mibgħut lill-Istati Membri ntalbu tweġibiet għal mistoqsijiet dwar il-kejl tal-prestazzjoni, l-evalwazzjoni u r-rappurtar. L-Istati Membri kellhom l-opportunità biex jispjegaw is-sistemi ta' kejl ta' prestazzjoni nazzjonali tagħhom għal programmi ko-finanzjati.

Fit-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsija dwar l-għanijiet u l-indikaturi użati għall-kejl tal-prestazzjoni, 23 Stati Membri indikaw li huma jużaw objettivi SMART u indikaturi RACER (ara l-graff ta' hawn taħt).

---

[4] QEA RA 2012 10.2
[5] QEA RA 2012 10.3
[6] QEA RA 2012 10.26
[7] QEA RA 2012 10.29




23 mis-27 Stati Membri li wieġbu stqarrew ukoll li huma jiddiskutu d-definizzjoni ta' objettivi u indikaturi għal programmi ko-finanzjati mal-kontropartijiet tagħhom fil-Kummissjoni Ewropea.

Fit-tweġibiet tagħhom l-Istati Membri jispjegaw diversi aspetti tal-proċessi li jkejlu l-prestazzjoni tagħhom għal programmi ko-finanzjati. It-tweġibiet jiffukaw fuq erba' elementi prinċipali: ħarsa ġenerali tal-proċess, monitoraġġ tal-prestazzjoni, evalwazzjoni u rappurtar.

L-Istati Membri taw ħarsa ġenerali u deskrizzjoni tal-proċess kif ukoll tal-entitajiet responsabbli. It-tweġibiet jiddeskrivu l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar tal-indikaturi, l-aktar fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni. Il-proċedura kollha hija kkoordinata l-aktar mill-awtoritajiet ta' ġestjoni jew kumitati ta' monitoraġġ. Madankollu, f'ċerti każijiet, l-evalwazzjoni u r-rappurtar ma jsirux sistematikament mill-awtoritajiet ta' ġestjoni. Kif iddikjarat mill-Estonja u l-Ungerija rispettivament "*l-evalwazzjonijiet normalment isiru minn esperti esterni"*[8] u l- "*proġetti ta' evalwazzjoni jkunu esternalizzati, ġeneralment għal sitt xhur sa sena.*"[9]

Fir-rigward ta' monitoraġġ, l-Istati Membri ddeskrivew l-indikaturi użati. L-Awstrija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja indikaw li huma kejlu l-prestazzjoni abbażi ta' indikaturi li ġew speċifikati fil-Programmi Operattivi (PO).[10] Il-Bulgarija, Ċipru u r-Repubblika Ċeka ddikjaraw li, minbarra l-indikaturi tal-PO, użaw ukoll l-indikaturi definiti fil-livell tal-proġett.[11] Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja komplew jispjegaw illi huma kejlu l-prestazzjoni billi speċifikaw il-miri tal-bidu u tal-mira, filwaqt li Ċipru u l-Greċja ddikjaraw li użaw indikaturi ekonomiċi, tal-produzzjoni u tal-eżitu.[12] Id-Danimarka qalet li minbarra indikaturi

[8] DĦPp164
[9] DĦPp189
[10] DĦPp131,p152,p154,p239
[11] DĦPp140,p152,p154
[12] DĦPp140,p152,p264,p152,p185

fil-PO jew fi proġetti speċifiċi, hija wżat ukoll informazzjoni ta' sostenn minn sorsi statistiċi, bħal dejta mingħand l-Uffiċċju tal-Istatistika Daniż.[13]

Għall-kejl u l-evalwazzjoni tal-indikaturi l-Istati Membri użaw metodi varji. Sitt Stati Membri ddikjaraw li l-indikaturi jiġu sorveljati kontinwament jew permezz ta' valutazzjoni kontinwa. Ġie nnutat ukoll mill-Bulgarija u r-Repubblika Ċeka li fuq il-bażi tal-miri tal-bidu u valuri mira, l-impenji u l-valuri miksuba huma mqabbla.[14] Fl-aħħar nett, qiegħdin jintużaw ukoll studji ta' evalwazzjoni, stħarriġ u r-reviżjonijiet għall-kejl kif indikat pereżempju mill-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija.[15]

Fir-rigward tar-rappurtar, l-Istati Membri ffokaw fuq il-formola u l-għażla taż-żmien ta' proċeduri ta' rappurtar tagħhom. Ir-rappurtar iseħħ l-aktar fuq bażi annwali permezz ta' Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni. Malta u l-Polonja indikaw li huma wkoll jużaw rapporti darbtejn fis-sena, filwaqt li r-Repubblika Ċeka qalet illi "*l-produzzjoni tiġi rrappurtata regolarment fir-Rapport ta' monitoraġġ kull xahar*".[16] Ir-rapporti huma ppubblikati wkoll fuq l-internet u kkomunikati permezz ta' netwerks settorjali lil pubbliku speċifiku kif isir, pereżempju, fl-Ungerija, Spanja u l-Portugall u/jew diskussi f'seduti pubbliċi kif inhu l-każ fis-Slovenja.[17] Il-Bulgarija ddikkjarat li, barra minn hekk, żviluppat sistema elettronika msejħa SIBILA "*biex tivvaluta l-impatt tar-riżorsi allokati mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni fuq l-ekonomija Bulgara.*"[18]

L-Awstrija enfasizza l-importanza tal-prestazzjoni billi qalet li " "*sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-direttivi u r-regolamenti, l-arkitettura ta' superviżjoni trid tiġi żviluppata b'mod kostanti. Huwa għalhekk li l-QEA twettaq awditjar tal-prestazzjoni (ara l-Kapitolu 10 tar-Rapport Annwali tal-QEA dwar is-sena finanzjarja 2012), fejn ġie milqugħ mill-ACA filwaqt li ssostni li ser tagħmel użu akbar minnhu.*"[19] Fuq nota simili d-Danimarka innutat illi "*qiegħda tingħata aktar importanza lill-kapitolu fir-rapport annwali dwar 'Il-kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE'. Dak il-kapitolu jikkonferma li hemm ħtieġa kontinwa għal iffukar fuq il-bini ta' sistema b'saħħitha għal rappurtar iffukat fuq ir-riżultati u l-kejl tal-impatt.*"[20]

B'mod ġenerali, it-tweġibiet tal-Istati Membri għal dawn il-mistoqsijiet kienu pożittivi ħafna. L-isfida għall-Kummissjoni se tkun it-titjib tal-kejl tal-prestazzjoni u rappurtar ġenerali tagħha fuq il-bażi tad-dejta tal-Istati Membri.

## 3.2 ŻBALJI TAL-ELIĠIBBILTÀ U L-PREĊIŻJONI

Kif imsemmi qabel, b'mod ġenerali, fost il-gruppi differenti ta' politika, l-żbalji tal-eliġibbiltà jammontaw għal proporzjon sinjifikanti-aktar minn żewġ terzi- mir-rata ta' żbalji stmata għall-baġit kollu kemm hu.[21] Fil-Kapitoli 3 u 4[22] - tar-rapport annwali tagħha, il-Qorti pprovdiet eżempji ta' żbalji bħal dawn f'diversi Stati Membri. Pereżempju fil-Kapitolu 3, l-iżbalji tal-eliġibilità u tal-preċiżjoni kienu

[13] DĦPp158
[14] DĦPp140,p155
[15] DĦPp186-7,p242,p263
[16] DĦPp156
[17] DĦPp191,p272,p258,p268
[18] DĦPp147
[19] DĦPp302
[20] DĦPp303
[21] QEA RA 2012 – 1.17
[22] Kapitolu 3 - l-agrikoltura, is-suq u l-appoġġ dirett u Kapitolu 4 - Żvilupp rurali, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa.

identifikati fil-kuntest tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Ħbula tar-Raba' (LPIS). Fil-Kapitolu 4 ġie enfasizzat in-nuqqas ta' rispett tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għal proġetti ta' investiment mill-Qorti.

Il-Qorti identifikat ukoll żbalji ta' eliġibbiltà rikorrenti b'impatt finanzjarju rigward il-VAT ineliġibbli fi Franza, Spanja, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija. Kull Stat Membru kkonċernat kien mistoqsi jekk l-aġenziji tal-ħlas kienux familjari mal-bażi ġuridika applikabbli meta jiġi rifuż il-VAT u kull Stat Membru wieġeb fl-affermattiv.

Għal Kapitolu 3, ir-riżultati tar-rapport tal-Qorti indikaw li kien hemm nuqqasijiet sinifikanti relatati ma' tliet LPIS awditjati[23] li rriżultaw fi żbalji tal-eliġibbiltà u l-preċiżjoni. Erba' pajjiżi-Spanja, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) -kienu msemmija fir-rapport tal-Qorti li għandhom nuqqasijiet fil-bażijiet tad-dejta tal-LPIS tagħhom u kull pajjiż indika li saru sforzi sabiex jiġu aġġornati u mtejba l-bażijiet tad-dejta tal-LPIS rispettivi tiegħu.[24] Skont l-awtoritajiet Awstrijaċi:

*"L-LPIS Awstrijak jiġi aġġornat kif xieraq u f'intervalli regolari. Mill-2009 u speċjalment mill-2012, saru sforzi kbar biex jittejjeb il-qasam tal-fotografija mill-ajru."*[25]

Barra minn hekk, l-awtoritajiet iddikjaraw ukoll li se jkun hemm "*riorganizzazzjoni tal-akkwist ta' immaġini mill-2013*" li se tippermetti aktar fotografija regolari u preċiża .[26]

Spanja tat kunsiderazzjoni estensiva ta' kif qed timplimenta l-mezzi biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet:

**"***B'reazzjoni għat-talba magħmula mill-Kummissjoni biex timplimenta l-miżuri li jikkoreġu dawn il-kwistjonijiet, fl-2010, ħriġna abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni, li jinkorpora l-miżuri korrettivi li ġew meqjusa bħala meħtieġa, kif ukoll skeda ta' żmien speċifika għall-implimentazzjoni tagħhom.*

*Il-miżuri li jinsabu f'dan il-Pjan huma applikati fuq il-bażi ta' sistema ta' identifikazzjoni tal-biċċiet ta' art, l-LPIS, ikkonsolidata għal kollox, frott ta' livell għoli ta' investiment sostnut tul iż-żmien, li hija kemm trasparenti u ta' kwalità. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għalhekk twassal għal titjib fil-kwalità tas-sistema eżistenti.***"**.

B'referenza għas-sitwazzjoni tiegħu, il-Portugall iddikjara li *t-tlestija tal-pjan ta' azzjoni LPIS f'Jannar 2013 ser tgħin sabiex jitnaqqas l-impatt ta' dawn il-każi.*"[27]

B'referenza speċifika għall-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit stqarr: *"l-awtoritajiet tal-Irlanda ta' Fuq iqisu li l-ħidma kontinwa dwar tal-Proġett ta' Titjib tal-LPIS naqqset ir-riskju għall-Fond."*[28]

Qasam ieħor li fih il-Qorti sabet każijiet serji ta' nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà kienu l-proġetti ta' investiment fil-qasam tal-iżvilupp rurali. L-Istati

[23] QEA RA 2012-3.22
[24] QEA RA 2012 Kaxxi 3.1 u 3.3
[25] DĦPp130
[26] DĦPp130
[27] DĦPp50
[28] DĦPp56

Membri kkonċernati ntalbu jipprovdu opinjoni dwar r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għal proġetti ta' investiment u l-maġġoranza ddikjaraw li r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà kienu wisq kumplessi. Madankollu, il-biċċa l-kbira tar-rispondenti indikaw li minkejja r-regoli kumplessi ttieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta. Il-Polonja pereżempju ddikjarat:

"*ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għal proġetti ta' investiment huma relattivament kumplessi, u għalhekk il-kontroll tagħhom mhux faċli. Madankollu, il-Polonja qed tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-kontroll jitwettaq b'mod komprensiv, bl-użu tal-għodda kollha disponibbli.*"[29]

Il-Litwanja wkoll indikat li fil-każ partikolari tagħha "*talba għal pagament korrett kienet ippreżentata rigward il-ħlas lura fil-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) tal-finanzi użati ħażin tal-Fond.*"[30]

Spanja wkoll sostniet li għamlet il-korrezzjonijiet meħtieġa u li "*n-nuqqasijiet identifikati f'każ awditjat ma jaffettwawx kwalunkwe każ ieħor, u l-iżball għalhekk mhux sistematiku fin-natura tiegħu.*"[31]

Bl-istess mod l-Italja ddikjarat li kienet ipprovdiet informazzjoni supplimentari ta' ġustifika fil-każ partikolari tagħha u li "*l-aġenziji tal-ħlas b'mod skrupluż japplikaw ir-regoli tal-UE dwar is-suġġett.*"[32]

It-tweġibiet pożittivi tal-Istati Membri dwar l-azzjonijiet u l-intenzjonijiet tagħhom huma mmonitorjati mis-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżguraw li dawn huma effettivi biex inaqqsu r-riskji identifikati mill-Qorti.

### 3.3 IT-TITJIB TAL-KONTROLLI U S-SISTEMI

Ir-rapport tal-Qorti tal-2012 enfasizza l-impatt pożittiv ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati (SCOs). Qabel l-2006 il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni testendi l-użu ta' somom f'daqqa u b'rata fissa minflok ma tagħti rifużjoni tal-"ispejjeż reali".

Fil-kampjun ta' tranżazzjonijiet għal verifika tal-2012 għal Kapitolu 6, il-Qorti ma sabitx żbalji kwantifikabbli jew non-kwantifikabbli dwar l-użu speċifiku ta' SCOs. Għalhekk il-konklużjoni kienet li l-proġetti li l-ispejjeż tagħhom huma ddikjarati bil-kodiċi SCOs huma inqas suxxettibbli għall-iżbalji u għalhekk użu aktar estensiv tal-SCOs għandu jkollhu impatt pożittiv fuq ir-rata ta' żbalji.

L-Istati Membri kienu mistoqsijin dwar jekk qablux mal-opinjoni tal-Qorti fuq l-SCOs kif iddefinit hawn fuq. L-Istati Membri kollha wieġbu għall-mistoqsija fl-affermattiv.

L-Istati Membri ġew mitluba wkoll jindikaw jekk saritx tħejjija għall-introduzzjoni tal-SCOs u jekk kinux diġà użaw l-SCOs, jekk l-użu kienx ser jerġa jiġi estiz. Reġa' kien hemm unanimità fost l-Istati Membri fir-rigward tat-tweġiba għal din il-mistoqsija. Il-Lussemburgu enfasizza l-appoġġ li pprovda lill-benefiċjarji tiegħu fil-bidu tal-programm jew proġett billi qal:

[29] DĦPp238
[30] DĦPp78
[31] DĦPp77
[32] DĦPp201

"*L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-FSE stabbilixxa preżentazzjoni relattivament sempliċi li hija disponibbli lill-applikanti fil-bidu tal-proċedura. L-AĠ tappoġġja wkoll b'mod attiv il-benefiċjarji li jitolbu assistenza minħabba kwistjonijiet relatati ma' ġestjoni tal-baġit, u b'hekk telimina l-kawża tal-iżbalji probabbli kollha u tissimplifika l-amministrazzjoni għall-benefiċjarju.*"[33]

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri kienu mitluba jagħtu opinjoni dwar jekk l-użu tal-SCOs kienx promoss b'mod adegwat u suffiċjenti mill-Kummissjoni. Kważi s-27 Stat Membru li wieġbu stqarru li għad fadal xi jsir mill-Kummissjoni. Il-Ġermanja u l-Ungerija indikaw li għall-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, 2007-2013 il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u d-diskussjonijiet ħadu ħin esaġerat.[34] Ir-Renju Unit stqarr ukoll illi "*kien jintlaqgħa tajjeb ħafna l-inkoraġġiment attiv mill-Kummissjoni fi stadju aktar bikri tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-2007-2013.*"[35] L-Awstrija elaborat fuq dan il-ħsieb billi qalet illi min-naħa waħda il-Kummissjoni ppruvat tħeġġeg l-użu tal-SCOs, iżda li min-naħa l-oħra:

"*Il-passat juri, madanakollu, li l-fattur ewlieni għall-użu b'suċċess tal-SCOs mill-Istat Membru jista' jkun 100 % ċert li meta juża l-SCOs l-ispejjeż jiġu aċċettati mill-Kummissjoni u/jew l-awtorità tal-awditjar. Dan huwa preċiżament fejn kienet il-problema ewlenija fil-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007-13. Għalkemm l-iskemi ta' rati fissi stabbiliti mil-liġi kienu joffru, teoretikament, firxa wiesgħa fl-implimentazzjoni, fil-prattika kien hemm serje ta' interpretazzjonijiet li llimitaw dan l-iskop u kabbru r-riskju għall-aġenziji ta' implimentazzjoni li fil-kuntest tal-SCOs l-ispejjeż ma kienux jiġu aċċettati mill-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-awditjar.*"[36]

Ir-Rumanija u Malta t-tnejn talbu għal "*aktar linji gwida*" mill-Kummissjoni u r-Rumanija kompliet tgħid illi "*mill-perspettiva tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti Ewropej mill-2014 sal-2020 kienu jkunu meħtieġa aktar linji gwida u taħriġ.*"[37]

Ċipru u l-Latvja spjegaw fid-dettall t-tip ta' għajnuna u gwida li l-Kummissjoni setgħet tipprovdi. Ċipru qal li għandu jkun hemm:

"*Użu akbar ta' workshops u seminars għall-iskambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri*"

filwaqt li l-Latvija talbet għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni u eżempji ta':

"*l-aħjar prattika fl-applikazzjoni ta' diversi tipi ta' spejjeż simplifikati.... informazzjoni dwar oqsma speċifiċi fejn dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu applikati u metodoloġija standard għal oqsma speċifiċi u l-ispejjeż.*"[38]

L-Isvezja appoġġjat ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti li "*l-Kummissjoni għandha tkompli bi u tiżviluppa approvazzjoni ex ante ta' rati fissi żviluppati fil-qafas tal-għażliet tal-ispejjeż simplifikati*". Skont l-Isvezja sabiex jinkiseb dan l-objettiv:

[33] DĦPp208
[34] DĦPp175,p186
[35] DĦPp299
[36] DĦPp130
[37] DĦPp214,p263
[38] DĦPp152,p203

*"il-Kummissjoni għandha twarrab aktar riżorsi għall-iżvilupp ta' għażliet tal-ispejjeż simplifikati bil-għan li żżid l-appoġġ lill-Istati Membri rigward l-approvazzjoni ta' rati fissi. Il-kooperazzjoni għandha tiġi żviluppata wkoll mal-awdituri tal-Kummissjoni biex jiċċaraw kif il-qafas ġuridiku ġenerali għandu jiġi interpretat fir-rigward tal-għażliet tal-ispejjeż simplifikati. Għal dak l-għan, għandu jkun hemm żieda fil-provvista ta' informazzjoni lil u kooperazzjoni mal-uffiċċji ġeografiċi u sabiex jissimplifikaw il-proċess tal-introduzzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni fil-programmi operattivi tal-Istati Membri."*[39]

L-interess tal-Istati Membri li jespandu l-użu tagħhom tal-SCOs huwa importanti ħafna, peress li huwa wieħed mill-elementi ewlenin sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji fi programmi taħt il-QFP l-ġdid.

Dwar is-suġġett ta' kontrolli, il-Qorti tagħmel diversi referenzi fil-Kapitolu 5, - Politika reġjonali, l-enerġija u transport- Kapitolu 6 –Affarijiet soċjali u tal-impjiegi - tar-rapport tagħha dwar ir-riskju ta' informazzjoni ta' spiss mhux affidabbli pprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar (AA). B'hekk, il-Qorti rrakkomandat li "*l-Kummissjoni għandha tfittex titjib fix-xogħol magħmul minn awtoritajiet ta' verifika u l-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fl-ACRs u l-opinjonijiet tal-verifika."*[40]

L-Istati Membri ntalbu jindikaw jekk għandhomx pjanijiet biex jintroduċu arranġamenti biex itejbu s-sitwazzjoni. Bb'kollox għaxar Stati Membri wieġbu li ma kellhom l-ebda pjanijiet għal titjib minħabba li qiesu li l-AA tagħhom huma affidabbli u f'ċerti każijiet kienu anki rċevew l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Skont il-Portugall pereżempju:

*"L-informazzjoni pprovduta fl-ACRs u l-opinjonijiet tal-awditjar hija meqjusa ta' kwalità tajba u affidabbli biżżejjed."*[41]

Ċipru enfasizza illi "*l-UE esprimiet sodisfazzjon bil-livell tar-rapporti ta' verifika annwali tal-Awtorità ta' Superviżjoni."*[42]

Il-Lussemburgu ddikjara li apparti li ma kellux AA li kienu parti mill-kampjun tal-awditjar tal-Qorti għall-2012, b'mod ġenerali r-rapporti tiegħu dejjem " *ġew aċċettati mill-Kummissjoni*" u li "*s-sistemi ta' ġestjoni fil-Lussemburgu kellhom struttura sempliċi u trasparenti.*"[43]

Fl-aħħar nett l-Irlanda ġibdet l-attenzjoni li:

"*L-awtorità ta' awditjar ma twettaqx valutazzjoni speċifika tar-riskju b'rabta mal-frodi. Huwa meqjus li l-programm ta' verifiki ta' ġestjoni (kemm verifiki mill-uffiċċju u verifiki fuq il-post) huwa adegwat biex jipprovdi assigurazzjoni raġjonevoli li r-riskju ta' frodi huwa mitigat.*"[44]

L-aktar miżuri popolari li Stati Membri talbu fir-rigward tat-titjib tas-sitwazzjoni kienu jinkludu aktar gwida u taħriġ mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, titjib fil-

[39] DĦPp296
[40] SWDECA RA 201 6.24
[41] DĦPp256
[42] DĦPp152
[43] DĦPp208
[44] DĦPp195

miżuri tal-kwalità tal-kontroll fl-AA ġie kkwotat minn xi Stati Membri bħala meħtieġ. Għalkemm xi ftit inqas popolari, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ esterni tal-AA wkoll kienu meqjusa bħala meħtieġa għall-AA ta' xi Stati Membri.

Ir-Repubblika Ċeka pprovdiet informazzjoni fid-dettall dwar azzjonijiet li diġà qed twettaq sabiex tindirizza r-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar l-AA. Hija spjegat fid-dettall il-Pjan ta' Azzjoni tagħha (implimentat fl-2012) u l-intenzjoni tagħha sabiex ittejjeb is-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll għall-Fondi Strutturali, inkluż iċ-ċentralizzazzjoni tal-attivitajiet ta' awditjar. Hija enfasizzat ukoll l-istabbiliment ta' manwal ta' attivitajiet ta' awditjar u taħriġ intern u estern li qed jiġi offrut lill-persunal. Iċ-Ċeki kkonkludew illi:

"*Il-bidliet ta' hawn fuq ġew ikkomunikati lill-QEA mir-rappreżentanti tal-awtorità ta' verifika (Ministeru tal-Finanzi) personalment. Ir-Repubblika Ċeka adottat il-miżuri kollha proposti mill-Kummissjoni, bi ħsiebha tkompli tikkomunika mas-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tiżdied il-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni u tixtieq li jsiru aktar seminars organizzati mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tittejjeb il-ħidma tal-awtorità tal-awditjar.*"[45]

Fl-aħħarnett, fir-rigward tal-AA, l-Istati Membri kollha esprimew sodisfazzjon bil-gwida li ġiet ipprovduta rigward it-trattament tal-iżbalji u s-seminars organizzati mill-Kummissjoni fl-2012 u 2013 u kkonkludew illi "*aktar gwida/taħriġ jintlaqgħu tajjeb ħafna*"[46]Fost l-inizjattivi msemmija bħala partikolarment utli u li jagħtu valur miżjud huma d-diversi seminars u linji gwida fuq kif jittieħdu l-kampjuni fl-Italja, il-Latvja, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Greċja.[47] Il-Litwanja, Malta u l-Polonja[48] kollha semmew l-utilità tal-laqgħat u l-konferenzi organizzati mill-OLAF filwaqt li l-Latvja u l-Bulgarija[49] enfasizzaw il-benefiċċji tal-laqgħa tal-Homologues Group għall-Awdituri. Il-Ġermanja osservat b'mod pożittiv illi " *"minbarra s-seminars, il-persuni ta' kuntatt mill-KE huma faċilment disponibbli biex jipprovdu tweġibiet dettaljati għal mistoqsijiet individwali*"[50]

Sabiex ikompli jsaħħaħ is-sistemi, il-qafas leġiżlattiv il-ġdid tal-Politika ta' Koeżjoni jitlob lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex ipoġġu fis-seħħ miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi. Meta mistoqsija dwar jekk wettqux il-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom, aktar minn 60% tal-Istati Membri wieġbu iva. Barra minn hekk, perċentwal simili ta' Stati Membri indikaw li huma żguraw li jkunu fis-seħħ miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi biex jitnaqqsu r-riskji tal-frodi. Fl-aħħar nett, inqas Stati Membri - ftit aktar minn 50% rrappurtaw li kellhom indikaturi speċifiċi li juru r-riżultati tal-kontrolli mmirati biex jidentifikaw u jipprevjenu l-frodi (ara t-tabella hawn taħt).

[45] DĦPp155-156
[46] DĦPp299
[47] DĦPp201,p202,p267,p264,p185
[48] DĦPp205, p214, p238
[49] DĦPp202, p140
[50] DĦPp175

| Tweġiba | 2/1 L-Istat Membru tiegħek attwalment iwettaq awditjar kontra r-riskju ta' frodi tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tiegħu | 2/2 Jekk iva, l-Istat Membru tiegħek sussegwentement assigura li għandu fis-seħħ miżuri kontra l-frodi effettivi u proporzjonati biex itaffu r-riskji ta' frodi indentifikati? | 2/3 L-Istat Membru tiegħek għandu indikaturi li juru r-riżultati tal-kontrolli li għandhom l-għan li isibu u jipprevjenu l-frodi? |
|---|---|---|---|
| N/A | 0 | 6 | 0 |
| Le | 7 | 0 | 9 |
| Bla tweġiba | 3 | 3 | 4 |
| Iva | 17 | 18 | 14 |

Fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża l-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tiddependi fuq is-sistemi u l-kontrolli tal-Istati Membri fis-superviżjoni tagħha tal-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-vantaġġi tal-kunċett ta' awditu uniku, iżda hija konxja tar-riskju indikat mill-Qorti li tista' tasal dejta mhux affidabbli mill-AA. Għalhekk, hija se tkompli twettaq analiżijiet u awditi tas-sistemi tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u l-korpi nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE.

## 4. KONKLUŻJONI

Ir-rapport annwali tal-Qorti tal-2012 jindika li l-enfasi għad trid tkun fuq it-tnaqqis tal-iżbalji fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża. Fl-aħħar nett, il-Qorti nnutat li għall-biċċa l-kbira ta' tranżazzjonijiet affettwati minn żbalji fil-ġestjoni kondiviża, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli biex isibu u jevitaw dawk l-iżbalji. Barra minn hekk, il-Qorti tikkritika wkoll in-nuqqas ta' effiċjenza ta' xi AA u indikat ukoll li l-enfasi fuq il-prestazzjoni hija insuffiċjenti.

L-Istati Membri fit-tweġibiet tagħhom din is-sena spjegaw fid-dettall xi wħud mill-isforzi tagħhom biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

Miżuri bħall-użu tal-SCOs, appoġġjati b'mod attiv mill-Qorti, diġà saru parti integrali mill-ġestjoni finanzjarja ta' programmi u proġetti f'ċerti Stati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri talbu lill-Kummissjoni biex tappoġġja u tinkoraġġixxi l-użu aktar mifrux tal-SCOs.

Ħafna Stati Membri ma jaqsmux l-opinjoni tal-Qorti dwar in-nuqqas ta' effiċjenza tal-AA u wħud enfasizzaw il-fatt li f'ċerti każijiet il-Kummissjoni sserraħ fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar (billi tagħti l-istatus tal-Artikolu 73)[51]. Madankollu, jidher li hemm għaddejja azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, biex jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċità tal-AA.

Fir-rigward tal-prestazzjoni, l-Istati Membri fit-tweġibiet tagħhom indikaw li qed ipoġġu enfasi kbira fuq kwistjonijiet ta' prestazzjoni u huma impenjati li joħolqu u jippromwovu kultura orjentata lejn ir-riżultati.

Fil-bidu ta' dan il-perjodu ġdid ta' programmar, l-isforzi tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni jindikaw li hemm diġà bosta miżuri konkreti fis-seħħ. Dawn il-miżuri se jimmiraw lejn aktar titjib u jgħinu biex jippromwovu u jsostnu l-ġestjoni finanzjarja soda, u b'hekk inaqqsu r-riskju li jsiru żbalji.

[51] L-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1083/2006